

Brussell, 29 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0130 (COD)**

14776/2/17
REV 2

CODEC 1893
SOC 748
EMPL 568
SAN 440
IA 195

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-13 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2016². Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-25 ta' Ottubru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għandu għalhekk ikun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ dok. 8962/16.

² ĠU C 487, tat-28.12.2016, p. 113.

³ dok. 13570/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 45/17, bid-delegazzjoni Kroata, Brittanika u dik Pollakka jastjenu.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
